# In-Narrattiva: Id-Distanza bejn il-Wieħed u l-Ħafna

*Paul P. Borg*

## Daħla

L-istudju ta' l-iżvilupp letterarju juri l-iżvilupp politiku u soċjali ta' nazzjon minħabba l-fatt li l-kittieb hu fih innifsu l-leħen li jsamma' l-kuxjenza ta' dawk madwaru, il-leħen 'magħżul' biex iwassal il-ħsieb tal-komunità u hu mera ta' dak li qiegħed iseħħ madwaru, mhux biss il-fiżiku u l-materjali li jinstabu f'letteratura ġurnalistika, imma l-istess qagħdiet spiritwali tad-dinja ta' barra.

Il-letteratura Maltija hi letteratura żagħżugħa. L-iżvilupp letterarju ta' ġnus oħra seħħ ferm qabel tagħna aktarx minħabba l-fatt li ġnus oħrajn żviluppaw soċjalment u politikament qabel il-ġens Malti. Madankollu ix-xejriet u esperjenzi ta' ġnus oħrajn u l-influwenzi tagħhom inġabru fil-kittieb bikri Malti u ġegħluh ifittex l-għodda letterarja biex jista' jesprimihom skond l-ambjent ta' madwaru. Dan ifisser li f'madwar mitejn sena inħolqot mhux biss għodda letterarja ġdida (l-Ilsien miktub) bħala għodda ta' espressjoni, imma wkoll inħolqot u kibret letteratura b'ispirazzjoni divina u fl-istess waqt ta' pjaċir (kif xtaq Omeru) u oħra b'ispirazzjoni divina imma ta' tagħlim u riflessjoni għas-soċjetà (kif emmen Hesodju).

## Il-funzjoni tan-narrattiva letterarja fis-soċjetà

Fil-fehma tiegħi n-narrattiva Maltija tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin ma kinetx biss kummentarju fuq is-soċjetà, lanqas diskussjoni filosofika dwar dak li qiegħed jiġri u kif jolqot liċ-ċittadin: il-protagonist ma kienx u m'hux wieħed li jgħaddi kumment psikoloġiku dwar id-dinja ta' barra u xejn iżjed. Il-protagonist ngħalaq bejnu u bejn ruħu biex jifhem aħjar l-ewwel nett lilu nnifsu bħala bniedem, jew għallinqas jagħmel tentattiv biex jagħmel dan, imbagħad jirrifletti, jikkummenta, jitħasseb, iwiddeb, iqanqal, ixewwex, jistħarreġ – ukoll jekk ma ta ebda soluzzjoni u ma ħass ebda dmir li jagħmel dan għax kien jaf li mhux kompitu tal-letteratura li tagħmel dan.

Dawn is-siltiet jistgħu jdaħħluna minnufih fil-qofol ta' l-argument:

"The writer must rebuke society and chastise it." (Fay Welson – Round Table Conference of English and Soviet Writers).

"Il-letteratura kollha tikkonsisti fit-tibdil tal-lingwa f'ħaġa li tqanqal l-inċertezza u l-mistoqsija." (Genette).

"Il-bniedem (bħala protagonist, is-suġġett, l-oġġett u l-awtur tal-letteratura) ma jistax joħroġ 'il barra mid-definizzjoni tiegħu bħala bniedem ... ma jistax jistħajjel ħwejjeġ li m'humiex biċċa mir-realtà nnifisha." (Oliver Friggieri – *L-Idea tal-Letteratura*).

"Ebda kittieb m'hu interessat fl-oġġetti bħala tali, iżda dejjem ossessjonat bihom bħala twieqi li jbexxqu sokkjużi xi verità." (Oliver Friggieri – *L-Idea tal-Letteratura*).

"The function of literature doesn't lie in struggling with some abstract society, but in fighting against those negative trends which prevent man from being human." (Felix Kuznetzov – Round Table Conference).

"(Narrative literature) ... to stir people's conscience and to warn them against the dangers threatening life." (Boris Mazhayev – Round Table Conference).

"The writer is both a critic and a mirror of society and it is very difficult to separate these two functions: half of you is an observer and therefore necessarily a critic of society, while the other half is a reflection of it." (Penelope Lively – Round Table Conference).

L-ansjetà u l-perikli li raw kittieba barranin bil-gwerra nukleari mdendla fuq ras l-umanità issarrfu fil-kittieba ta' dan il-perjodu fil-letteratura Maltija bħala biża' li Malta ma ssirx ġens, li Malta tibqa' tinqered bil-medjokrità, li Malta ma ssib qatt l-identità tagħha, li ma tikber qatt, li ma timmatura qatt, li tispiċċa qabel saħansitra ma tkun. Din hi l-bixra li welldet il-protagonist ħassieb u ħafna drabi mdejjaq, preokkupat u inkwetat għal dak li qed jara jseħħ madwaru fl-oqsma politiċi, soċjali u ekkleżjastiċi meta beda jistaqsi l-mistoqsija universali, X'inhu l-bniedem?

Daqqa t'għajn storika fuq l-iżvilupp tan-narrattiva Maltija għandha turina illi seħħ vjaġġ mill-protagonist patrijottiku u eroj għall-protagonist ħiemed u riflessiv. L-istħarriġ ġewwieni rrifletta dak li kien qiegħed iseħħ fuq barra jew dak li supppost kien qiegħed iseħħ imma, fis-sewwa, ma kienx.

Daqqa t'għajn oħra lejn in-naħa soċjali u politika turi illi n-narrattiva qdiet tabilħaqq l-għan soċjali tagħha billi kixfet il-kuxjenza popolari: il-kittieb kien ir-riċerkatur, ir-rivelatur, il-kummentatur, il-kritiku, ta' qagħdiet li ra madwaru u li ħafna riedu jbiddlu jew iċaqalqu imma ma għarfux imqar isemmgħu leħinhom.

Fi kliem ieħor wieħed jista' jara li l-protagonist kif deher fil-letteratura narrattiva ta' dan il-perjodu, kien wieħed li ddiskuta mhux biss miegħu nnifsu, imma mal-kuxjenza tad-dinja ta' madwaru wara li qanqal l-istħarriġ miegħu nnifsu.

## L-isfond storiku u soċjali

Min-narrattiva patrijottika bikrija, Susanna, Ċejlu Tonna, Ċensu Barbara, Nazju Ellul u oħrajn li ġew aktar tard bħala narrattiva aktarx biex tagħti pjaċir lill-poplu u ġġiegħlu jifraħ bil-'kixfa' ta' l-Ilsien issa miktub, il-Letteratura Maltija għaddiet f'kitbiet aktar impenjattivi soċjalment bħal *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka*, *L-Ibleh*, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* u *Tejbilhom Ħajjithom*. Uħud minn dawn kellhom protagonist eroj li għajjat 'Viva Malta' mhux tant b'ton patrijottiku, imma aktarx bl-aktar mod satiriku għax intebaħ li l-qagħda mhix aktar patrijottika biss, imma hi hekk deludenti li ma tafx iġġigħelx lill-qarrej jibki jew inkella jidħak. Il-protagonist ma baqax aktar il-patrijottiku imma sar ftit ftit aktar il-kritiku u ftit ftit bdiet tinħass id-distanza bejn dak patrijottiku u popolari u l-ieħor maqtugħ għalih waħdu mbellah bis-soċjetà ta' madwaru.

Il-ħasdiet storiċi, politiċi u l-effett tagħhom fuq is-soċjetà wasslu lill-protagonist soċjo-realistà biex jinbidel u jsir wieħed aktar imbiegħed mis-soċjetà imma fl-istess nifs hekk qrib lejha u biċċa minnha, jimtela b'aktar frustrazzjoni, magħluq, riflessiv, u fost kollox intesiet il-bixra patrijottika ta' 'ġieħ lil Malta' imma nibtu tiftixiet għall-identità; nibet l-istħarriġ soċjali tal-għax u l-għaliex.

Fis-sewwa wieħed jissogra jgħid illi n-narrattiva tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin għadha turi wħud mill-istess ansjetajiet ta' qabel. Ukoll jekk il-qagħda soċjali tbiddlet u tjiebet, għad baqa' l-istess kuxjenza popolari mikula mill-istess apatija li tirriżulta f'karatteristiċi nazzjonali bħal vandaliżmu, egoiżmu; għadha hemm il-qasma fi tnejn tal-fehmiet popolari (żewġ baned, żewġ qaddisin, żewġ partiti eċċ.); għadha hemm il-qawwa qadima tal-forzi ekkleżjastiċi. L-irvell letterarju tas-sittinijiet ma nibet qatt mill-opinjoni pubblika bħala kuxjenza ta' poplu, imma nibet wara t-tqanqil politiku tal-Ħamsinijiet u l-ġlidiet li saru biex jagħtu identità lill-istess poplu. Ma sarx dak li sar, fost oħrajn, f'pajjiżi li kienu komunisti u li nibbtu minn fost il-popli tagħhom kittieba li wrew b'kitbiethom li kienu mexxejja ta' kuxjenza u opinjoni popolari. Dak li żera' l-politiku f'dawn iż-żminijiet f'Malta nxtegħel f'żgħażagħ intellettwali u nbeda ritmu ġdid ta' tiftixa, ta' protesta, ta' ribelljoni, ta' ġlieda kontra l-konformiżmu soċjali u ekkleżjastiku. Dan kien tqanqil politiku li ġie rifless fin-narrattiva u kienet din il-kuxjenza popolari li wasslet għat-tqanqiliet li ġiebu l-Indipendenza politika.

Dan kien żmien li fih kienu qed jinħassu ħafna ħasdiet għall-poplu Malti. L-ewwel ġiet il-ħasda tal-bombi Taljani, nazzjon ġâr li kellu tant rabtiet kulturali magħna

u li issa kien se jkollhom jinqatgħu. Imbagħad daħlet ftit ftit il-qawwa ta' kultura ġdida li kienet qed titferrex ukoll ma' l-Ewropa kollha, il-kultura Anglo-Amerikana. Kien hemm ukoll l-għajta tal-Partit Laburista għal rabta sħiħa ma' l-Ingilterra u fl-istess nifs l-ewwel għajtiet qawwija għall-Indipendenza politika. Mhux biss, imma kien hemm ukoll il-ħasda tal-ġlidiet politiko-reliġjużi li fis-sew kienu taqbidiet kontra l-ħakma ekkleżjastika fuq iċ-ċittadin.

Mill-ewwel ġriet il-frażi: minn issa 'l quddiem.

Dan ġara f'waqt meta l-poplu ma kienx ekonomikament u psikoloġikament lest għal dawn il-bidliet u kellu biss ibaxxi rasu għall-fehmiet tal-mexxejja politiċi meta opinjoni tiegħu la kellu u lanqas kien lest għaliha.

Imma kien hemm ukoll ħasdiet oħrajn ġejjin: mad-dinja bdew ifaqqgħu gwerer oħrajn ukoll meta l-ħoss tal-bombi fuq Malta kien, biex ngħidu hekk, għadu jinstama'.

Dan kollu rriżulta f'perjodu ta' esperimentazzjoni letterarja, moviment futuristiku li ġġennen fuq il-'beat' mużikali tad-'discos' u t-tkattir ta' l-influwenza Anglo-Amerikana u qabblu mal-ħoss tal-'machine-gun' li sadanittant kien qiegħed joqtol fost dan il-perjodu li suppost kien qiegħed jirriżulta f'rikonċiljazzjoni bejn il-popli. U biex Malta timxi aktar fuq l-istess ideoloġiji Anglo-Amerikani għall-ħelsien, reġgħet instemgħet l-għajta ta' 'Viva Malta', issa għajta politika 'Malta l-ewwel u qabel kollox'. Nibtet kuxjenza popolari rari fil-Maltin, bdew l-għajtiet għall-identità għax fir-ribelljoni li seħħet tkissru l-miti nazzjonali u feġġ il-protagonist li beda jistaqsi, min aħna? Min jien? X'inhu l-bniedem? X'jagħmlu bniedem? X'jagħmlu Malti? X'inhu l-bniedem Malti?

Ir-rumanz Malti ta' l-ewwel Nofs tas-Seklu Għoxrin kien diġà wera l-protagonist b'interess soċjali bħala bniedem ordinarju u sempliċi li jiġi wiċċ imb'wiċċ malħajja ordinarja. *Ħelsien*, *Lejn ix-Xemx* (Ġużè Bonnici 1907-1940), *L-Ibleh* (Ġużè Orlando 1898-1962), *Tejbilhom Ħajjithom* (J.F. Marks 1894-1954), *Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (Ġwann Mamo 1866-1941), *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (Ġużè Ellul Mercer 1897-1961), kollha stħarrġu l-istess kuxjenza tal-bniedem żgħir u insinjifikanti u l-għajta tagħhom min-naħa tal-Partit tal-Ħaddiema ma kinetx kumbinazzjoni. Imma s-Sittinijiet qanqlu l-mistosija aktar kumplessa, mhux biss x'inhu l-bniedem imma fuq kollox x'inhu l-bniedem Malti.

Ir-riżultat kien it-twelid ta' protagonist distakkat li jfittex hu min hu f'dan iċ-ċokon klawstrofobiku soċjali u fiżiku. B'hekk beda l-istħarriġ soċjali, politiku u spiritwali fil-letteratura tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin. Tqanqal id-dibattitu ġewwieni fuq livell soċjali u fuq livell aktar profond, dak etiku u ġie l-protagonist ħosbien u

mdejjaq u fuq kollox mixtieq għall-ħelsien. Deher il-protagonist li xamm illi l-ħelsien politiku, li l-politiku kien ilu jgħajjat dwaru, ma kien ħelsien xejn għax il-kuxjenza kienet għadha maħkuma politikament, imma waħda li taf li għad baqa' ħafna biex tkun ħielsa spiritwalment ukoll. Dehru ftit ftit rumanzi bħal *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar, Il-Gaġġa, L-Għar tax-Xitan, Is-Sejħa ta' l-Art, Aħna Sinjuri, Il-Gidba, Rivoluzzjoni Do Minore, L-Istramb, Samuraj* u oħrajn bil-protagonist distakkat, mistagħġeb u mħasseb 'l hemm mill-bqija ta' dawk madwaru, jitkellem ħafna drabi waħdu waħdu mal-kuxjenza, ifittex il-kwiet. Deher il-protagonist li beda jistħarreġ qagħdiet universali għax intebaħ li hu bniedem, il-problemi raġel/mara, il-problemi interni reliġjużi, il-problemi tax-xogħol, il-problemi ta' l-ambjent u sitwazzjonijiet oħrajn. Dehru wkoll xi diskussjonijiet fil-protagonist dwar sesswalità, il-protagonist li jitbiddel mhux minħabba qagħdiet soċjali bħalma kien ġara 'l Leli ta' Ħaż-Żgħir, imma minħabba qagħdiet universali. Deher il-protagonist li jaħrab il-ħajja tradizzjonali u jfittex ħajja 'l hemm mill-Gaġġa, deher il-protagonist qalbieni li jitlaq lil martu u jfittex il-kenn ta' mara oħra u jpoġġi magħha, deher il-protagonist jibża' min-nies ta' barra u l-ħarsa fittiexa tagħhom, deher il-protagonist li jaf li hu biss jifhem waqt li 'il-folla ma tifhimx' (*Il-Gidba*, p.142) u truf il-Gaġġa jaslu saħansitra sa l-erba' mkejjen tal-Gżira (*Il-Gaġġa*, p.109). Deher il-protagonist li telaq mix-xogħol u l-ieħor li saħansitra tkeċċa u ferħan għax issa jinsab għal riħu jħammem waħdu. Deher il-protagonist li tħasseb dwar l-ambjent għax intebaħ li bħalma qiegħed iseħħ madwar id-dinja hekk ukoll f'Malta, gżira żgħira u bla art, l-ambjent naturali qiegħed jinqered bla ebda ħsieb għajr dak finanzjarju. Deher il-protagonist inkwetat dwar l-ambjent u ssimbolizzah bl-istupru ta' seftura, l-istupru sfaċċat ta' l-art, (*Is-Sejħa ta' l-Art* u xi narrattiva oħra aktar tard).

Minn żmien għal ieħor dehru protagonisti mdejqin bl-għafsa tal-qawwa ekkleżjastika mhux tant bħala qagħda soċjali imma wkoll bħala forza li tinfluwenza lill-bniedem bħala bniedem. Kien issa l-protagonist li qiegħed jistħarreġ għaliex din il-'gaġġa' minn imkien għal ieħor, din il-'gaġġa' qadima b'ħakma hekk kbira mhux biss fil-qasam reliġjuż, imma wkoll f'kull aspett tal-ħajja Maltija u taċ-ċittadin bħala bniedem, inklużi dawk l-oqsma ta' l-edukazzjoni u tas-saħħa. Kien ukoll il-waqt li jfeġġ il-protagonist li jistaqsi dwar Alla, mhux il-mistoqsija eżistenzjali ta' Leli ta' Ħaż-Żgħir, imma l-mistoqsija aktar fil-fond, Alla min hu? Alla x'inhu? X'inhi r-rabta Alla u bniedem? Deher il-protagonist imħawwad bi problemi morali ta' dnub, inċest, superstizzjoni, saħta, inġustizzji u mistoqsijiet etiċi u universali oħrajn.

Madankollu jidher illi l-għajtiet universali dwar qagħdiet politiċi li jolqtu liċ-ċittadin direttament kienu aktarx qed jitħallew fl-isfond tan-narrattiva u ma jitlaħħmux qawwijin f'xogħol sħiħ imsejjes proprju fuq dawn l-istess qagħdiet u intriċċi politiċi li kienu jaħkmu lill-Maltin l-aktar minħabba l-istess karattru tagħhom bħala poplu 'żgħir', pikuż, ġellied, u xi minn daqqiet immatur. *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri* kien

proprju x-xogħol li stħarreġ din il-qagħda u Karlu Manju kien il-protagonist ġdid li nqata' mill-oħrajn madwaru fis-soċjetà biex jistħarreġ dak li qiegħed iseħħ, fosthom il-qagħdiet universali tal-korruzzjoni, apatija u l-mixja lura lejn il-qagħda tal-Gran Mastri u l-ħakma tagħhom mijiet ta' snin ilu meta l-poplu kien jaħseb li hu ħieles meta fil-fatt kien biss marbut b'ċinga ħoxna ma' ħajt bla jaf.

## In-narrattiva u l-istħarriġa politika u reliġjuża

Minħabba li l-kittieb jassumi l-kwalitajiet mhux biss ta' mera tas-soċjetà imma wkoll ta' kummentatur u kritiku tagħha, kien hu li xtaq li jirriformaha b'kitbietu. Mhux biss, imma ħass ħafna r-responsabbiltà ta' dak li kien qiegħed jiġri. Dan irriżulta fi kwalità fil-protagonist illi beda jkollu ċertu sens ta' ħtija, sens ta' mħabba għal madwaru u ċertu sens ta' għadab fl-istess waqt. Din kwalità li dehret bħala 'sine qua non' fil-biċċa l-kbira tan-narrattiva u anki fit-teatru ta' dan il-perjodu. Il-protagonist deher bħala ċittadin li mhux biss qiegħed jifhem ir-responsabiltajiet tiegħu lejn is-soċjetà bħala ċittadin, imma aktar bħala kuxjenza mqallba, mgħaddba u li tixtieq tibdil għall-aħjar.

Din hi funzjoni li l-letteratura biss tista' taqdi, l-arti letterarja u l-arti taċ-ċinematografu, imma mhux il-kitba fattwali ġurnalistika. Mamo, Orlando u Marks bir-rumanzi tagħhom issatirizzaw qagħdiet li s-soċjetà tagħhom ma ridetx titkellem dwarhom, il-faqar, l-għaks, l-injuranza. F'*Aħna Sinjuri, Rivoluzzjoni Do Minore, Bejn Mara u Qassis, Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri, Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri, Egħluq*, u f'oħrajn insibu l-ġlieda tal-protagonist miegħu nnifsu li tixhed ċar u tond it-taqbida tal-kittieb qabel xejn u l-impenn profond tiegħu lejn is-soċjetà. Jidher il-protagonist qiegħed iħoss għax l-oħrajn m'huma jifhmu xejn mill-aspetti politiċi u reliġjużi li qed iseħħu madwarhom. Hu protagonist li qiegħed aktar lejn id-dinja ta' ġewwa biex jifhem dik id-dinja li l-oħrajn 'hemm barra' m'humiex jaraw. Karlu Manju jittanta jfiehem lid-dinja ta' barra illi dak li qed iseħħ madwarhom mhux immaġinazzjoni imma dinja stramba li teżisti, tintmess, u li fuq kollox taħsad għax hi l-istess Malta tagħhom. Hi l-aktar dinja li taħsad għax ukoll dawk li qed jaħsbu li qed jifhmuha, m'huma jifhmuha xejn. U kemm hu veru dak li qed jemmen Karlu Manju jixhdu l-fatt illi ftit fehmu l-universalità tiegħu, ftit fehmu per eżempju illi dak li jgħodd għal wieħed illum japplika għal ieħor għada. Mhux biss, imma uħud qiesu lil Karlu Manju bħala sempliċiment protagonist jgħajjat slogans politiċi, ukoll meta dak li kellu xi jgħid kien u hu applikabbli għall-politiku li jibqa' jemmen li hu l-Gran Mastru b'setgħa assoluta.

Il-gżira 'Taparsi' hi biss gżira li wieħed jixtieq li ma teżistix, imma kulħadd jaf li ma jeżisti xejn ħliefha. U l-aljenazzjoni ta' fuqha hi realtà li taħsad bil-bosta lil ħafna. Il-ħtieġa li fuqha jkun hawn il-padruni u l-Gran Mastri ma turiha ebda kitba ġurnalis-

tika għax hi marbuta u mxekkla minn irbit politiku, imma r-riflessjonijiet ta' Karlu Manju ma jurux ħlief din ir-realtà.

Il-ħakma ta' l-ekkleżjastiku fuq is-soċjetà Maltija ma setgħetx ma tipproduċix protagonisti ribelli, imnikktin, imdejqin, ħafna drabi qalbhom maqtugħa imma mimlijin imħabba għall-imsejknin madwarhom li għadhom ma jistgħux jintebħu bit-tibdil li jenħtieġ isir xi darba jew oħra fil-ġejjieni biex Malta ma tibqax 'Taparsi'. Ta' min jinnota illi l-ġlidiet politiċi u reliġjużi wasslu għall-qagħdiet soċjo-reliġjużi konfużi aktar milli kienu meta l-poplu kien anqas mgħallem; kienu qagħdiet illi ġġudikaw, ikkundannaw tant erwieħ matul iż-żminijiet riċenti. Ix-Xwejħa qaddisa u ruħ tajba li emmnet u mxiet wara l-mexxej tal-'ħomor' u li ma falliet qatt quddiesa imma li d-dinja madwarha ġġudikatha falza u warrbitha f'miżbla meta mietet; il-mara bidwija mimlija tfal li riedet tgħallem l-iskola lil uliedha u li għaldaqstant riedet titilfilhom ruħhom u tixħethom l-infern; iż-żagħżugħ modern, jorganizza d-drammi ma' djul il-kappillan fis-sala parrokkjali, jinħasad b'Malta superfiċjali u 'ta' fuq fuq'; iż-żagħżugħ li telaq lil martu u l-kappillan li ma jberikx dar kulħadd; iż-żagħżugħ l-ieħor li għaraf b'kuraġġ il-ħtiġiet tas-soċjetà madwaru u ġie kkundannat saħansitra mill-Parlament. F'dan il-perjodu dehru dawn u ħafna protagonisti oħra li ħaduha ma' dan l-ambjent soċjo-politiku-reliġjuż u rrifflettew il-qagħda taċ-ċittadin Malti u kemm ma kien qiegħed jara u jifhem xejn mir-realtà jekk ma tagħtihilux il-letteratura.

Punt ieħor ta' diskussjoni hawnhekk hu illi ħadd minn dawn il-protagonisti li ħolmu fuq Malta oħra mhix mifnija mill-ħakma tal-politika u r-reliġjon, ma kien protagonist politiku partiġġjan, li jfisser li ma kinux protagonisti li għajtu l-għajta tal-propaganda. Il-qawwa vera tal-mużika ta' Shostakovich dehret meta warrab il-waqtiet minn ħajtu ta' rabtiet u konformiżmu sfrenat mal-Partit Komunista Russu u kkompona s-sinfoniji li ntlaqgħu bħala l-għajta tal-ħelsien mhux biss mill-Punent, imma saħansitra mill-istess elementi anti-konformisti ri ħdan il-partit komunista tal-pajjiż. Il-kitba ta' Solzhenitsyn mill-ewwel uriet l-għajta ta' tibdil soċjali meħtieġ billi pinġiet qagħda mwiegħra tas-soċjetà u bi qlubija kbira warrbet it-twiddib tal-mexxejja tal-partit Komunista. U din l-għajta maħnuqa tal-kittieb f'dawn il-pajjiżi kienet ukoll l-għajta ta' kuxjenza ta' poplu, kuxjenza maħnuqa u msikkta u allura l-kittieb kien il-leħen ta' l-opinjoni pubblika li l-politiku ried ixejjen. Din hi r-raġuni ta' qima lejn il-kittieb fil-Lvant u l-għala hu miżmum bħallikieku bniedem sagru. U din hi r-raġuni għala l-punent m'għandux l-istess wisa' għall-kittieba tiegħu. U din hi r-raġuni aktar u aktar f'Malta fit-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin għaliex il-kittieb hu inqas irrispettat, għax is-soċjetà hi aktar u aktar imxekkla bi ħsieb politiku fejn il-politiku jinħtieġlu jieħu ħsieb is-setgħa li jista' jitlef jew li jista' ma jirbaħx.

Madankollu l-kittieb fehem illi d-distanza bejn il-protagonist u s-soċjetà ta' madwaru m'għandhiex tkun waħda ta' konvenjenza għalih, lanqas kellha tkun waħda

kif jaqbillu hu, imma kellha tkun waħda ta' qisien u relazzjonijiet universali u 'l hemm minn kull irbit. Ix-xbieha li ngħatat u l-ħsibijiet tal-karattri ewlenin ta' kitba bi sfond politiku jew politiku-reliġjuż ta' dan il-perjodu, ma kinitx sempliċiment waħda illużorja u maqtugħa darbtejn 'il bogħod 'l hemm mir-realtà u allura tiġġustifika t-tkeċċija tal-kittieb mis-soċjetà tar-repubblika 'ideali', imma kienet xbieha ta' veritajiet attwali, jaħarqu, universali u għalhekk ma setgħux ma jqanqlux it-tgħajjir li juri l-effett ħaj tal-letteratura fuq is-soċjetà. Dan kien ukoll l-isfond għaliex ċerti protagonisti, fosthom Karlu Manju ta' *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, inftiehmu ħażin mill-biċċa l-kbira tas-soċjetà għaliex min fehmu protagonist favur u min fehmu protagonist kontra bla ma wieħed qies illi l-qagħda hi universali, tant illi kien hemm min beka u min tbissem. U proprju għalhekk ukoll kien hemm min inħasad u min tbissem il-bieraħ beka llum waqt li tbissem illum min beka l-bieraħ.

## In-narrattiva u l-istħarriġ soċjali

Il-protagonist hu tabilfors il-bniedem ukoll jekk l-istħajjila letterarja u l-metafora ġġiegħel lill-kittieb jitkellem bl-għemil ta' annimal, ta' bhima. Nafu li l-ħrejjef ta' Esopu m'humiex dwar l-iljuni u l-klieb u l-ilpup imma huma fuq kollox dwar il-bniedem li qiegħed ifittex il-verità u t-titwila universali fuq is-soċjetà ta' madwaru. Il-protagonist tan-narrattiva Maltija tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin hu karatterizzat mill-bniedem li jħares madwaru lejn is-soċjetà imma li fl-istess ħin ifittex li ma jkunx bħalha: hu l-protagonist li jittanta jitbiegħed minnha fl-istess waqt li jistaqsi hu min hu. Hu l-protagonist li jmur kontra n-norma tas-soċjetà, kontra kull konformiżmu soċjali, politiku u reliġjuż.

Il-protagonist deher bħala l-bniedem wieħed maqtugħ għalih waħdu kontra l-bqija. Fl-istess waqt deher li hu l-kuxjenza ġdida li qed titrawwem fis-soċjetà. Ma kienx aktar il-protagonist li qiegħed jiddiskuti miegħu nnifsu l-punti filosofiċi ta' kif jista' jemmen jekk jibqa' jitgħallem u jsir għaref bħalma kien ġralu Leli ta' Ħaż-Żgħir, imma sar il-bniedem imħasseb fuq l-istess problemi eżistenzjali li jqallbu ta' taħt fuq il-ħajja ta' Baruk id-dar, is-seminarju, kull ħin ifittex l-imħabba f'kull sens spiritwali tagħha. Isir saħansitra il-protagonist maqtugħ 'l hemm mill-bqija (ukoll jekk paradossalment l-istess protagonist hu l-mera ta' dak li fil-fatt qiegħed iseħħ fl-istess dinja ta' barra!), jaħrab il-ħajja u l-bqija u jiżola ruħu għal kollox bħal Natan, Baruk, Fredu, Samwel, Jumi, Marju, Silvjo, Raymond u l-oħrajn.

Il-ħrib mir-realtà tal-biċċa l-kbira ta' kull protagonist insibuh mhux biss simbolizzat mill-idea ta' safar u ta' ħtieġa ta' tiftixa għal ambjent aħjar, li tinstab f'kull narrattiva ta' dan il-perjodu, imma saħansitra f'sens aktar kiefer u aktar profond u li juri saħansitra l-kilba kbira tal-kittieb li joħloq ambjent aħjar u fl-istess nifs kemm jemmen li dan ftit jista' jsir: ħafna mill-protagonisti jew jikkommettu suwiċidju jew

inkella jikkuntemplaw is-suwiċidju. Ma nsibux biss l-imsaren imberrħin tas-Samuraj, imma wkoll suwiċidju aktar fin tal-protagonist li jixtieq il-mewt mill-apatija, li jsellem lil Katu għax kellu l-ħila jġib il-mewt. Insibu l-protagonist jisfida lilu nnifsu għas-suwiċidju:

'Għandek kuraġġ tagħmel bħalu?'

'Għandek id-dmir tagħmel bħalu ...'

Dan hu li jikkuntempla Karlu Manju u jaqtagħha illi jeħtieġ biss jikkommetti s-suwiċidju billi jitkellem bla xkiel u l-ħażin jgħidlu ħażin bla tlaqliq, ukoll jekk dan ifisser tgħajjira miktuba lill-membri ta' l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż jew ċanfira tal-ħomor-u-tal-blu sfruttati lill-ħomor-u-blu li jisfruttaw.

Tant dehret kbira din id-distanza tal-protagonist mis-soċjetà madwaru u fl-istess ħin tant paradossali għax qatt ma ħassu hekk biċċa mis-soċjetà fl-istess ħin, illi l-kunċett tas-safar u tas-suwiċidju ma kienx biss l-uniku wieħed li feġġ fil-protagonist biex juri l-ħerqa tiegħu li jgħanni għanja mnikkta għal dak li kien qiegħed jara b'għajnejh u jħoss b'qalbu. Sikwit il-protagonist insibuh jilgħabha mal-ġenn. Jerġa' jidher il-kunċett ta' l-imsejken li jaħseb u jinkedd u l-ferħan li ma jafx jaħseb u ma jafx jinkedd u mikul bl-apatija. Il-poeta Xandru jispiċċa Ta' Frankuni; Silvio mifxul, marid, ifittex ir-realtà; Baruk iħobb, jitlob jiffilosofizza u magħdud mhux normali mill-bqija ta' madwaru.

U minn fost dawn il-protagonisti jkun Jumi Harr li jirnexxilu jsib it-tama u jtemm ħsiebu b'ton ottimist għalli ġej, għax ukoll Fredu ma jistax ma jkunx influwenzat minn dak li jara jseħħ fis-soċjetà, imma Fredu jaħrab lejn il-bliet u jaħlef li ma jersaq qatt lejn it-toroq dojoq imċewlah, ħalef saħansitra li jintasab jgħajjeb lill-istess irħula msakkrin fil-gaġġa. Natan jerġa' lura d-dar imkisser aktar milli kien qabel imma issa egħref għax fehem aħjar il-gidba tal-ħajja, waqt li Karlu Manju jitgħallem biss jiżżi ħajr lil Alla tal-ħolqien ta' l-Arti u l-artisti Omeru u Chopin u l-oħrajn għax huma li jsawru l-bilanċ fl-Univers li Alla 'mutu tad-differenza' ħalaq. Dehret l-idea tal-protagonist mikdud għax qiegħed jifhem li minkejja t-tagħlim nisrani u l-mijiet ta' snin ta' tagħlim reliġjuż, is-soċjetà għadha pagana u tgħix fid-dlam: 'Lill-magħżulin tajthom il-formola tas-seħer biex jirrevelawha lill-oħrajn kollha minbarra lil dawk li inti, fil-lejl li fih jidfen kollox, insejthom u ħallejthom imexxu bil-frosta.' (Karlu Manju)

Din id-distanza tal-protagonist li ġegħlitu jkun il-bniedem waħdu waħdu jitkellem fuq il-bniedem Malti ta' dan il-perjodu, issarfet ukoll fi ġlieda lill-konformiżmu li s-soċjetà kellha lejn dak kollu li kien ifisser għaliha l-qassis, jew aħjar il-kappillan tar-raħal. Ma baqgħetx ir-rabta mal-kappillan kif kien jafha Leli ta' Ħaż-Żgħir, imma saret relazzjoni aktarx ta' rabja, ta' għadab li ħeba fih mistoqsijiet aktar profondi ta'

l-awtur. Għaliex din il-qawwa u l-ħakma hekk kbira ta' l-ekkleżjastiku fuq iċ-ċittadin? Għaliex din il-ħakma hekk qawwija ma ssarrfitx matul is-snin kbar li għaddew, f'aktar tagħlim u f'karattru aħjar fis-soċjetà? Fredu jibda bi ħbieb mal-kappillan imma jintebaħ mill-ewwel illi l-ġlieda tiegħu kienet se tkun proprju mal-kappillan għax qiegħed fuq kollox jirrappreżenta konformiżmu tradizzjonali li qiegħed jidher li ma rnexxiex għax ħalla soċjetà mxaqqa u superfiċjali. Fredu ma kienx qiegħed jara post għall-kappillan tradizzjonali Malti fil-moħħ ħieles li kien qiegħed jitrawwem fih aktar u aktar wara l-ħsejjes ta' l-Indipendenza politika. Natan jifhem il-gidba li jkollu jgħix ħajja li ma jemminx fiha, ċerta sistema li jaf li m'hix twasslu għal dak li xtaq bħala idealista, imma ma jistax jeħles mill-ħakma tal-kappillan li jqajjem taqbida ġo fih u fl-aħħar jispiċċa jmur għandu. Rebekka hi onesta, diġà fehmet il-gidba tal-ħajja u ta' 'wiċċ in-nies' u allura ma tiddejjaq xejn jekk ma tmurx għand il-kappillan jew jekk ma jidħolx iberkilha darha għax hi diġà nqatgħet mill-konformiżmu tat-tradizzjonijiet reliġjużi tas-soċjetà Maltija. Baruk jibda biex jidħol is-seminarju imma għalkemm miexi fi triq li twasslu għas-saċerdozju jibda jistaqsi u ma jsibx it-tweġibiet meħtieġa li jħalluh marbut ma' dik l-għażla tiegħu. L-imħabba hi għalih fattur filosofiku importanti li ma jsibx tweġiba għalih fis-seminarju u s-saċerdozju.

Il-kappillan li sab dawn il-protagonisti kien kappillan li kien jinħtieġlu jitbiddel. Kien iħaddan reliġjon li ma fehemx. Kienet diskussjoni fil-protagonist li tqanqlet tabilfors mhux biss mill-mistoqsijiet li kienu bdew jagħmlu dwar ir-reliġjon u li kienu tqanqlu mill-Konċilju Vatikan II, imma u forsi fuq kollox, kienu mistoqsijiet li tqanqlu bħala riżultat tal-ġlidiet politiko-reliġjużi li seħħew f'Malta fis-snin Sittin u li qanqlu ħafna mistoqsijiet li għalihom ma kienx hemm tweġiba. Ma kinux biss mistoqsijiet tqal bħal ma kienet il-libertà tal-vot, jew il-libertà tat-twemmin, jew l-impożizzjoni tad-dnub il-mejjet, jew ta' metodoloġija fit-tagħlim nisrani, imma dehru mistoqsijiet u tqanqiliet soċjali ta' etika u morali.

Għal darb'oħra il-protagonist inqata' mill-bqija tas-soċjetà biex jistħarreġ ukoll dan il-fattur u biex fl-istess waqt ikun mera ta' dak li kienet qed tħoss is-soċjetà. U hawn jidher il-bogħod bejn il-protagonist u d-dinja ta' madwaru għax kellu l-ħeġġa jara x'kien qed iseħħ fis-soċjetà u xi stħarriġ kellu jagħmel biex jixħet dawl fuq dak li kien qiegħed jara. It-taqbida tal-protagonist kienet kbira għax ra dak li kien qiegħed iseħħ madwaru u li ma kienx konformi mar-regola mhux biss soċjali imma wkoll etika u morali. Fehem illi wara kollox is-soċjetà Maltija mhix dik is-soċjetà nisranija li kienu ġegħluh jemmen li kellha tkun u fehem ukoll illi dak li seħħ f'artijiet oħrajn se jsib ukoll triqtu f'Malta.

Ma kinetx biss it-taqbida etika tajjeb/ħażin li nibtet fil-protagonist ta' din in-narrattiva, imma wkoll deher il-kuraġġ ta' l-isperimentazzjoni. Deher il-liberaliżmu fis-sess. Deher is-sess mhux biss bħala attrazzjoni naturali, imma bħala possibiltà ta'

ħarba min-norma, bħala possibiltà li biha l-protagonist ikun anti-konformista bħalma wara kollox kienet qed tittanta tkun il-kuxjenza ta' ħafna miċ-ċittadini tad-dinja hemm barra. Natan ma jridx jibqa' jgħix taħt saqaf wieħed ma' martu proprju għal wiċċ innies u jitlaq ħalli jgħix bla xkiel ta' xejn ma' mara oħra, xebba, u jpoġġi magħha. Rebekka ma tinkeddx għax raġel miżżewweġ telaq lil martu ħalli jgħix magħha. Fredu ma jsibha bi tqila xejn jinħabb ma' Veffa, u dak li Leli ta' Ħaż-Żgħir għamel fis-sakra, u aktarx għax milgħub, il-protagonist ta' dan il-perjodu beda jagħmlu bil-miftuħ, bi sfida għas-soċjetà. Marju kien jibża' u jsib l-eqqel tal-lejl imma jmut proprju waqt l-att sesswali. Silvio jitbiegħed ftit aktar min-norma u jitwettaq l-inċest. Il-Konti Gasparinu Sant iwettaq stupru fuq is-seftura waqt li Baruk ma jiflaħx iżomm ġibdiet omosesswali wkoll meta fih hemm it-taqbida bejn is-sewwa u l-ħażin waqt li qiegħed ifittex dik l-imħabbà li tant ħakmitlu l-ispirtu tiegħu. Gerit tikxef sidirha proprju lill-qassis. Raymond jikkunsidra lil "Blanche għarwiena" u l-utilità tad-droga fuq bniedem imneżża'.

Il-protagonist tan-narrattiva tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin kien qiegħed jagħmel minn kollox biex iwaqqa' u jkisser il-miti li kien jemmen fihom il-poplu Malti. Il-gwerra kienet bdiet billi kissret forsi l-aktar mit li ħafna kienu jaħsbu u jemmnu fih, ir-rabta li Malta kellha ma' l-eqreb ġirien tagħna t-Taljani. Issa kien qiegħed jitkisser il-mit tar-Reliġjon u tat-twemmin. Kollox beda jsir m'hu xejn u l-irbit li kien għad baqa' kien biss dak superfiċjali għax bħala ċittadini l-Maltin kien għadhom mhumiex lesti biex jgħixu indipendenza u ħelsien nazzjonali tabilħaqq bl-aktar sens ta' maturità u ta' responsabilità. U hi din il-kawża li l-mistoqsijiet li għamlu dawn il-protagonisti baqgħu ma sabux min jista' jweġibhom sewwa. Hi din ir-raġuni għaliex it-tqanqila li ħassew dawn il-protagonisti sabu min ħassha għax huma kienu r-riflessjoni ta' kuxjenza popolari, imma ma sabux aktar ħeġġa u qawwa li biha suppost inqerdu l-apatija, il-medjokrità, l-immaturità, il-piki, l-għeluq, l-injuranza, il-vandaliżmu u tant karatteristiċi oħrajn li donnhom qed jissawru biex jagħtuna identità.

## Il-protagonist u l-bniedem sagru

Dan kollu juri illi wkoll fil-Letteratura Maltija nsibu tagħrif siewi fuq is-soċjetà Maltija li ma jista' jiġi akkwistat mill-ebda għajn ġurnalistika. U dan jaqbel perfettament ma' dak li kien qal Engels, li tgħallem aktar dwar is-soċjetà kontemporanja meta qara lil Balzac milli meta studja u fela bir-reqqa kollha trattati u dokumenti soċjali u politiċi. Wieħed jista' jifhem l-għeluq tas-soċjetà u l-iżvilupp psikoloġiku tagħna aktar meta jixtarr il-ġrajjiet ta' Fredu, Natan, Jumi, Raymond u l-oħrajn.

Rajna elementi identiċi fil-karattru tal-protagonist maħluq minn diversi kittieba li tqanqlu minn din il-psikoloġija ta' riflessjoni fuq is-soċjetà ta' madwarhom, u dan kien inevitabbli li jseħħ minħabba l-fatt li kull kittieb deher imbuttat minn ħtieġa

għall-verità universali dwar il-bniedem Malti. Il-protagonist kien, mela, dak li mtela b'sens ta' ħtija soċjali għax ħass li kien qiegħed f'xifer il-mewt jew it-tmiem li ħaddieħor madwaru ma kienx qiegħed jara. Il-protagonist leħħen il-preokkupazzjonijiet tiegħu dwar il-mard soċjali, politiku u morali tas-soċjetà, imma s-soċjetà tat-Tieni Nofs tas-Seklu Għoxrin sabet ilħna politiko-reliġjużi ferm u ferm aktar b'saħħithom biex jiddeterminaw l-opinjoni pubblika u jiddevjaw, jaljenaw u jikkmandaw l-imħuħ. Fis-soċjetà fejn mill-banda l-oħra ma kienx hemm il-ħelsien politiku u soċjali li kien hemm f'Malta u fil-Punent, il-kittieb tkellem f'isem il-kuxjenza soċjali b'aktar qawwa u l-protagonist tiegħu qorob aktar lejn dik ir-riforma li xtaqet l-istess soċjetà. F'Malta r-riforma ma dehritx daqstant qawwija u l-poplu baqa' passiv u ħafna drabi aljenat. L-opinjoni popolari tal-Maltin tmexxiet mill-ekkleżjastiku u mill-politiku bl-aktar mod supperv u ħafna drabi bl-aktar mod ardit kontra kull xewqa ta' l-istess soċjetà li ma kellhiex il-ħila tagħraf sewwa x'qiegħed iseħħ u meta fehmet, kienet bierda u mifruda wisq biex tiċċaqlaq. Dan ma kienx fenomenu li seħħ biss f'Malta, imma seħħ l-aktar madwar il-Punent kollu jew kulfejn kien hemm qagħda politika u soċjali ftit jew wisq kwieta u ħielsa u fejn il-politiku jew l-ekkleżjastiku assuma ħafna l-funzjoni ta' kelliem tal-kuxjenza. U hu proprju għalhekk illi f'waqt meta ħafna Maltin donnhom xtaqu u riedu jinfatmu minn ħakmiet politiċi u ekkleżjastiċi bħalma ġara fis-Sittinijiet meta beda jidher il-protagonist anti-konformista u ribell, mhux konvenzjonali u jiġġieled il-ħin kollu kontra l-aspetti kollha li kkundizzjonaw lill-ħajja Maltija matul iż-żminijiet.

Madankollu, minkejja dil-bidla ta' protagonist, minkejja r-ribelljoni tiegħu, xorta waħda ma naħsibx li kien protagonist li ġiegħel lis-soċjetà tħares lejn il-kittieb Malti bħalma ħarset lejn il-kittieba tagħha per eżempju s-soċjetà Russa, li qieset lill-kittieb bħala bniedem sagru, profeta, kelliemi f'isem il-bqija u għaldaqstant għarfet fih il-kwalitajiet li attribwewlu Platun, Aristotli, Lonġinu u Orazju.

## Il-protagonist li ried ibiddel

Id-distanza bejn il-wieħed u l-ħafna fid-dawl tar-relazzjoni tal-protagonista miegħu innifsu u mad-dinja ta' barra, tieħu bixra ferm kurjuża meta wieħed iqisha mill-aspett ta' l-imħabba inevitabbli li jħoss il-kittieb lejn id-dinja immedjata ta' madwaru u t-tqanqil li jħoss ġo fih biex jittanta jirriformaha. Il-protagonist hu l-leħen tal-bniedem li qed iweġġa' psikoloġikament u spiritwalment u li ma jridx li ħaddieħor iġarrab l-istess waqtiet bħalu. Din hi bixra rikorrenti fil-protagonisti ta' dan il-perjodu u fattur komuni fin-narrattiva tat-testi. Ħadd mill-protagonisti ma ħareġ jgħajjat li jrid jgħallem, madankollu ħadd ma kien interessat f'dan; il-protagonist kien biss leħen ħaj ta' l-eżerċizzju spiritwali u intelletwali li għamel il-kittieb. In-narrattiva m'hix didattika, imma biss espressjoni mgħaddba, mistagħġba, skantata ta' min qiegħed ifittex identità l-ewwel nett bħala bniedem, "tifel għeri ta' l-univers", imbagħad bħala

Malti li qiegħed jintebaħ għall-għarrieda bid-"deżert ta' ġewwa" (Introduzzjoni *Beżgħat* - Oliver Friggieri). Hu protagonist li qiegħed iberraħ l-istħarriġ tas-sensi, tal-qalb u l-intellett ta' min ma jridx jara lil ħaddieħor ibati bħalu. Hu protagonist li qiegħed iħeġġeġ ħalli ssir il-bidla u xi darba ma tibqax soċjetà titmexxa minn imneħirha, bla sinsla u ssawwar hi l-opinjoni vera u ħajja tagħha. Fiċ-ċokon tiegħu l-protagonist u l-isforz li jagħmel ħalli jixref fid-dinja barranija ħalli jsir it-tibdil meħtieġ u ħalli dawk li ġejjin ma jbatux huma wkoll, jitqabbel mal-paġni miktuba bid-demm li nstabu f'Oswiecim fejn nies imjassra u lesti għall-mewt widdbu lil bnedmin oħrajn ta' warajhom.

Dan ifisser li l-għajta tal-protagonist fin-narrattiva ta' dan il-perjodu mhix biss espressjoni ta' kuxjenza mqanqla minħabba dinja barranija indifferenti għall-aħħar, mhix biss l-istħarriġa ta' qagħda politika, soċjali u reliġjuża, mhix biss tentattiv biex jitwarrab il-konformiżmu fis-soċjetà imma hi wkoll impenn serju li juri sens kbir ta' prekarjetà li jixxiebah mal-versi miktubin bid-demm.

Id-diskussjoni tal-protagonist miegħu nnifsu tirriżulta ħafna drabi fi twiddiba lid-dinja ta' barra, mhux biss lid-dinja ta' barra eżistenti, imma saħansitra d-dinja ta' barra li għad trid tiġi tgħammar f'Malta f'li ġej. Dan ifisser illi fil-waqt illi l-protagonist tbiegħed mis-soċjetà u sar anti-konformist u ġġieled lil dak kollu li kkundizzjonalu 'l madwaru, fl-istess nifs kien protagonist li widdeb lil dawk kollha li għad iridu jiġu.

# L-Għaqda tal-Malti (Università) temmen li:

- L-ilsien nazzjonali hu l-aħjar għodda għall-iżvilupp intelletwali tal-poplu.
- Għad fadal ħafna xi jsir biex l-ilsien nazzjonali jieħu l-post li jixraqlu.
- Il-qagħda ta' l-ilsien nazzjonali fl-Università ma taqbel xejn mal-qagħda ta' kull ilsien ieħor fl-Universitajiet barranin.